# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Ħamis, 26 ta' Mejju 2022**

**Talba Nru: 44/2019 JG**
**Numru fuq il-lista: 3**

**Mediterra MMXII Services Limited (C56163)**

**Vs**

**CFX Holding Limited (C87456)**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-5 ta' Marzu 2019, permezz ta' liema s-soċjetá attriċi talbet lis-soċjetá konvenuta tħallasha s-somma ta' elf, erba' mija u sittax il-Ewro (VAT inkluż) u dan fir-rigward ta' servizzi mogħtija u mhux imħallas kif aħjar deskritti fl-istess Avviż. Intalbu wkoll l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, dawk tal-ittra uffiċjali msemmija u ta' mandat ta' qbid u l-imgħax[1];

Ra d-dokumenti annessi mal-Avviż[2];

---

[1] A fol 1 *et seq.*
[2] Dok A u Dok B.

Ra r-risposta tas-soċjetá konvenuta tal-21 ta' Marzu 2019, tramite liema hija laqgħet għall-pretiża attriċi billi, brevement, eċċepit li l-ebda ammont ma huwa dovut u li l-istess soċjetá konvenuta qatt ma kienet inkarigat lis-soċjetá attriċi;

Ra l-affidavits ta' Dr. Anthony Edgar Mario Ghirlando[3], Alessandro Innao[4] u ta' Carmen Ciccone[5] u dan flimkien mad-dokument hemm ippreżentati;

Ra l-affidavit ta' Fabrizio Crimi[6] flimkien mad-dokumenti hemm annessi;

Ra l-affidavit ta' Marco Mottana[7] flimkien mad-dokumenti hemm annessi;

Ra l-kontro-eżami ta' Marco Mottana[8];

Ra d-digriet tat-28 ta' Ottubru, 2020, tramite liema, l-Prim Imħallef ordna li din it-talba tiġi hekk assenjata lil dan it-Tribunal kif issa presedut[9].

Sema' x-xhieda ta' Dr.Anthony Ghirlando u ta' Alessandro Innao in kontro-eżami[10];

Sema' t-trattazzjoni finali da parti tad-difensuri tal-partijiet, liema trattazzjoni ġiet debitament reġistrata u traskritta kif ordnat fis-16 ta' Novembru 2021[11];

Ra l-atti proċesswali kollha;

---

[3] A fol 14.
[4] A fol 28.
[5] A fol 33.
[6] Nota relattiva tinsab a fol 38 tal-proċess.
[7] Nota relattiva tinsab a fol 51 tal-proċess.
[8] Magħmul fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2020. Traskrizzjoni relattiva tibda a fol 62 tal-proċess.
[9] A fol 73 tal-proċess.
[10] It-tnejn magħmula fis-seduta tal-24 ta' Ġunju 2021. Traskrizzjoni relattiva tibda a fol 84 tal-proċess.
[11] Trattazzjoni relattiva tibda a fol 94 tal-proċess.

**Ikkunsidra;**

Illi qabel ma t-Tribunal iqis l-aspetti legali ta' din il-kwistjoni, tinħass il-ħtieġa li l-istess Tribunal jirrakkolji u jispjega, anke jekk brevement, ix-xhieda miġbura f'dawn il-proċeduri.

Illi in suċċint, ix-xhieda kienet din li ssewgi.

Illi f'dawn il-proċeduri xehed Dr. Anthony Edgar Mario Ghirlando, inizjalment permezz t'affidavit[12]. Spjega li huwa d-direttur tas-soċjetá attriċi u li l-istess kienet ġiet inkarigata mis-soċjetá konvenuta sabiex tħejji u tirreġistra sitt trademarks mal-European Union Intellectual Property Office. Jgħid lid-direttur tas-soċjetá konvenuta ikkonfermat tlett darbiet li tixtieq tipproċedi. Ġiet eżebita dokumentazzjoni dwar dan. Jgħid li kienet intbagħtet fattura ta' €13,734 sabiex tkopri l-miżati tas-soċjetá attriċi u l-ispejjeż. Għalkemm intbagħtu reminders dan il-ħlas ma seħħx u kien hemmhekk lis-soċjetá attriċi waqfet milli tkompli tespleta l-inkarigu mogħti lilha. Għalhekk fit-18 ta' Jannar 2019 intbagħtet fattura oħra għal €1,416 li tkopri x-xogħol li kien laħaq sar. Is-soċjetá konvenuta talbet *credit note* kontra din il-fattura. Minkejja dan, l-ammont ta' dik il-fattura li huwa l-mertu ta' dawn il-proċeduri ma tħallasx.

Illi in kontro-eżami[13], l-istess xhud jgħid li huwa kellu kuntatt dirett ma xi nies tas-soċjetà konvenuta. Jgħid li kien hemm skambju ta' korrispondenza fuq din ir-reġistrazzjoni. Huwa ra' l-affidavits ta' xhieda oħra. Jgħid li verament kien hemm żball fil-fatturi minħabba xi diskrepanzi fuq l-ammont u l-klassijiet differenti tat-trademarks. Jgħid li l-ammont mitlub jinkludi wkoll spejjeż għax-xogħol magħmul. Jaqbel li kien hemm żball fil-fatturi. L-ammont huwa ta' xogħol meqjus bħala *comprehensive study.*

---

[12] Dan jibda a fol 14 tal-proċess.
[13] Dan seħħ fis-seduta tal-24 ta' Ġunju 2021 u jibda a fol 84 tal-proċess.

Illi f'dawn il-proċeduri xehed ukoll Alessandro Innao, inizjalment permezz t'affidavit[14]. Hawn jispjega li huwa impjegat tas-soċjetá attriċi u li hu, flimkien ma kollega ieħor għamlu x-xogħol mitluba mis-soċjetá konvenuta. Jikkonferma, u ppreżenta dokumentazzjoni li d-direttur tas-soċjetá konvenuta kien qalilhom sabiex jipproċedu. Huma hekk għamlu.

Illi in kontro-eżami[15] jikkonferma lir-riċerka dwar ir-reġistrazzjoni ta' dawn it-trademarks saru minnu. Ried jara jekk hemmx trademarks simili diġa reġistrati. Dan kien xogħol ta ftit jiem "*a couple of days*". M'huwiex xogħol manwali. Jikkalkula li kien hemm xi tlett siegħat, kull ġurnata għal dawn il-"*couple of days*". Hija riċerka li ssir permezz tal-utilizzar tal-internet. Mhijiex ħaġa sempliċi li tagħti dettalji u tagħfas buttuna, iżda jrid isir studju ta' ħafna logos. Dan il-logo ingħata mis-soċjetá konvenuta.

Illi f'dawn il-proċeduri xehdet ukoll Carmen Ciccone, inizjalment permezz t'affidavit[16]. Essenzjalment hija tikkonferma li ħadmet fuq dan ix-xogħol ukoll flimkien ma Alessandro Innao. Wara lid-direttur tas-soċjetá konvenuta irċieva stima, huwa qalilhom sabiex jipproċedu. L-ewwel kienet (s-soċjetá konvenuta) irċeviet xi stima minn għand xi ditta ta' avukati oħra u wara din, huma (s-soċjetá attriċi) bagħtu waħda wkoll, bi prezz aħjar. Is-soċjetá konvenuta ikkonfermat li riedet tmexxi bir-reġistrazzjoni. Tgħid ukoll lis-sur Mottana għamel pressjoni sabiex il-proċess jitħaffef kemm jista jkun.

Illi xehed ukoll Fabrizio Crimi, permezz t'affidavit[17]. Jgħid li huwa azzjonist tas-soċjetá konvenuta. Jgħid li għandu konoxxenza mad-direttur iżda jispjega li huwa ma kienx direttament involut f'din il-kwistjoni. Sa fejn jaf hu, s-Sur Mottana, d-

[14] A fol 28 tal-proċess.
[15] Magħmul fis-seduta tal-24 ta' Ġunju 2021 u jibda *a tergo* ta' fol 88 tal-proċess.
[16] A fol 33 tal-proċess.
[17] A fol 39 tal-proċess.

direttur, kien talab stima sabiex jiġu reġistrati xi trademarks. Din kienet ferm inqas mill-fattura tad-19 ta' Novembru 2018. Jgħid li l-ammonti ġew imkabbra, anke meta skond hu wieħed iqis li nħarġet *credit note*. Jgħid li allura, l-aħħar fattura tinkorpora żidiet eżorbitanti mhux skond l-ewwel stima. Jgħid li sa fejn jaf hu, il-kontestazzjoni hija lis-soċjetá attriċi kellha biss tivverifika jekk dawn it-trademarks setgħux jiġu reġistrati u mhux li jsir ix-xogħol. Ġiet eżebita dokumentazzjoni.

Illi xehed ukoll id-direttur tas-soċjetá konvenuta, Marco Mottana, inizjalment permezz t'affidavit[18]. Hawn jispjega lis-soċjetá konvenuta f'xi żmien fis-sena 2018 kienet qiegħda tfittex lil xi ħadt sabiex jiġu reġistrati xi trademarks ġewwa Malta. Jgħid li għalkemm huwa kien talab li sseħħ il-proċedura għal tali reġistrazzjoni, kien hu li aktar tard talab li din tiġi posposta. Jgħid li kien għalhekk lis-soċjetá attriċi ħarġet *credit note* f'Jannar 2019. Jgħid li huwa qatt ma kien sema' li kien hemm xi ammont dovut għax-xogħol preparatorju inizjali. Għalih, qatt ma kien hemm aċċenn għall-ammont issa reklamat. Dwar xi fattura futura, jgħid li huwa qatt ma rċieva l-istess. Jgħid li t-trademarks ġew ittriplikati. Jgħid li l-ewwel fattura ġiet eżaġerata. Ġiet eżebita dokumentazzjoni.

Illi in kontro-eżami[19] jgħid li huwa dejjem irċieva l-istimi. Jikkonferma li rċieva korrispondenza elettronika datata 30 ta' Ottubru 2018. Jikkonferma wkoll li bagħat korrispondenza lil Ciccone. Jikkonferma li qal lil Ciccone sabiex jipproċedi bir-reġistrazzjoni.

Illi epurata din l-espożizzjoni fattwali jmiss li dawn jiġu applikati għall-prinċipji legali applikabbli għal dan il-każ.

---

[18] A fol 52 tal-proċess.
[19] Traskrizzjoni relattiva tibda a fol 62 tal-proċess.

Illi f'moħħ it-Tribunal jirriżulta li r-relazzjoni bejn il-kontendenti hija dik ta' *locatio operis*[20] u b'hekk il-massima li sservi bħala bażi għal-istanza attriċi hija dik li *omnia labor optat premium*[21]. Bl-azzjoni odjerna, s-soċjetá attriċi qiegħda titlob ħlas għas-servizzi professjonali mogħtija minnha, wara li ġiet ingaġġata biex tagħmel hekk mis-soċjetá konvenuta[22].

Illi hija allura preżunzjoni aċċettata li kull xogħol imwettaq jimmerita korrispettiv. Kontra din il-preżunzjoni, li wieħed jista jgħid hija waħda *iuris tantum* semmai, kien jispetta fuq is-soċjetá konvenuta sabiex tipprova li dan ix-xogħol kien wieħed gratwit. Minn dan l-aspett, it-Tribunal ma sab xejn fl-atti, anzi sab il-kontra u ċioé dokumentazzjoni mhux kontradetta fejn is-soċjetá konvenuta ripetutament (u b'ċertu insistenza!) ikkonfermat li xtaqet tibda u li tiġi ffinalizzata din il-proċedura. Dan ix-xogħol, li wieħed jista jqis bħala preparatorju iżda neċessarju, għandu jiġi kkumpensat[23].

---

[20] Għalhekk huwa applikabbli l-artikolu 1623 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Din it-tip ta' relazzjoni ġiet ikkonfermata bħala tali fis-sentenza fl-ismijiet **Francis Buttigieg vs Phone Direct Limited** (Appell Ċivili Numru: 310/2003/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fit-18 ta' Ottubru 2006. Il-Qorti, li kienet qiegħda teżamina azzjoni b'relazzjoni simili qalet hekk: *"Huwa fatt inkontrastat illi l-attur gie imqabbad mis-socjeta` konvenuta jaghmel xoghol ta' accountant. Tali ftehim certament jikkonfigura bhala wiehed ta' "locatio operis" definit fl-Artikolu 1623 tal-Kodici Civili. Essenzjalment dan igib li min jippresta s-servizzi tieghu proprji, taht kwalsiasi forma u ghall-vantagg ta' haddiehor li jkun hekk inkarigah, jisthoqqlu li jigi retribwit. Dan fuq l-istregwa tal-massima tradizzjonali maghrufa "omnia labor optat premium".*

[21] Fis-sentenza fl-ismijiet **Nicky Saliba vs Kunsill Lokali Nadur** (Appell Ċivili Numru: 111/2003/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) nhar 2 ta' Marzu 2010, dik il-Qorti rriferiet għal sentenza oħra preċedenti fejn intqal li *"Ma jistax ikun qatt dubitat in linea ta' principju illi, sakemm il-prestazzjoni ma tkunx wahda gratuwita, min jippresta s-servizzi tieghu taht kwalsiasi forma, ghal vantagg ta' haddiehor, hu intitolat li jigi retribwit. Dan in omagg principju illi omnia labor, optat premium..."*

[22] Similment, issir referenza għas-sentenza ta' dan it-Tribunal kif presedut fl-ismijiet **Euro Tax Consulting Limited vs A21C Holding Limited,** (Tlb Nru: 412/2017) mogħtija fil-31 ta' Mejju 2021 (mhux appellata).

[23] Hija, ġustament, ripetutament iċċitata s-sentenza fl-ismijiet **Nutar Dr. Remigio Zammit Pace vs Sunrise Park Hotels Ltd et,** (App Ċiv Nru: 532/2005/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-20 ta' Novembru 2009. F'dik is-sentenza, u b'mod speċjali dwar prestazzjonijiet jew servizzi professjonali kien intqal hekk: *"Issa in tema legali, trattasi li hawnhekk qeghdin filpresenza tal-figura guridika tal-locatio operis, ukoll jekk professjonali, ghal liema jirreferi l-Artikolu 1623 tal-Kodici Civili, il-kriterju dominanti fil-komputazzjoni*

Illi dwar l-argument miġjub mis-soċjetá konvenuta li hija qatt ma tat tali struzzjonijiet, dan ftit jista jinftiehem għaliex id-dokumentazzjoni titkellem waħdeha. L-istess irid jingħad dwar il-fatt li skond hi, qatt ma kien hemm komunikazzjoni dwar dan l-ewwel servizz. Anzi, għal dan it-Tribunal jirriżulta li fil-verità s-soċjetá attriċi tat skont konsiderevoli fuq dan ix-xogħol preparatorju[24]. Apparti l-fatt li wieħed mix-xhieda tas-soċjetá konvenuti, ċioé Fabrizio Cirmi ma kienx kapaċi jixhed fuq fatti li jaf hu, jirriżulta ċar li anki s-Sur Mottana ma kienx għal kollox korrett fix-xhieda tiegħu. Ftit tista titwemmen xhieda li tgħid li qatt ma talbet dan is-servizz meta in kontro-eżami jirriżulta mod ieħor.

Illi finalment dwar l-ammont reklamat, ma jirriżultax lil dan it-Tribunal li għar-rigward tal-istess, tenendo kont it-tip ta' servizz u d-durata tiegħu, li dan huwa b'xi mod wieħed eżaġerat[25]. Għalhekk, anki fid-dawl tas-soliti kriterji ekwitattivi

*tal-korrispettiv, attiz l-assenza ta' konvenzjoni minn qabel bejn il-partijiet u l-inapplikazzjoni ghall-fattispeci tat-tariffi professjonali dettati mil-ligi jew mill-uzu, kien dak meqjus mill-Qorti skond ic-cirkostanzi (Artikolu 1624, Kodici Civili). Jinzel minn dan illi, kif ravvizat f'sentenzi ohra ta' din l-istess Qorti, lil gudikant hu moghti l-funzjoni ta' arbitratur, f'liema kaz dan mhux vinkolat minn xi parametri prefissi. Jikkonsegwi ghalhekk illi in linea ta' massima l-attenzjoni tal-gudikant ghandha ghad-determinazzjoni tal-korrispettiv tiffoka ruhha fuq "id-durata, il-kwantita`, il-kwalita` u kull element iehor pertinenti tal-prestazzjonijiet ezegwiti u tarrizultat utli percepit minn min jikkommissjona x-xoghol" jew is-servizz professjonali. Ara "Nazzareno Zammit -vs Anthony Desira", Appell Inferjuri, 7 ta' Frar, 2007. Anke jekk mhux ezawstiva tali konsiderazzjoni, ukoll jekk komplimentari, twessgha l-affermazzjoni tal-Qorti f'dik issentenza l-ohra citata. Dan kif analogikament deciz minn din l-istess Qorti f'sentenzi ohra ko-involgenti prestaturi professjonali. Ara inter alia "Avukat Joseph Sammut - vs- Goliath Developments Limited", 12 ta' April, 2007, u "Perit Caroline Caruana -vs- George Properties Limited", 9 ta' Jannar, 2009"*

[24] Illi l-fattura finali, mertu ta' dawn il-proċeduri, eżebita a fol 2 bħala Dok A titlob is-somma ta' €1,416 bħala konsulenza fuq sitt trademarks bil-prezz ta' €200 kull trademark. Din hija datata 18 ta' Jannar tas-sena 2019. L-istima oriġinali ċioé dik tad-19 ta' Novembru 2018 ( a fol 24) kienet titlob €350 għal-kull trademark. Huwa minnu li bħala total ta' trademarks, kien hemm żball, iżda l-ammont individwali għal kull riċerka kienet waħda aktar għolja.

[25] Dan huwa wkoll permissibbli skond ma jrid l-artikolu 1624 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

(speċjalment dik li għandha x'taqsam ma valutazzjoni[26]) li janimaw dan it-Tribunal, iqis li l-ammont mitlub huwa wieħed ġustifikat.

Għaldaqstant it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi filwaqt li jiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjetá konvenuta, jilqá t-talba tas-soċjetá attriċi u konsegwentement jordna lis-soċjetá konvenuta sabiex tħallas lis-soċjetá attriċi l-ammont ta' elf, erba' mija u sittax il-Ewro (€1,416), bl-imgħax legali mill-5 ta' Marzu 2019[27] sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-15 ta' Far 2019, iżda mhux tal-mandat ta' qbid imsemmi fl-Avviż tat-Talba[28], jitħallsu mis-soċjetá konvenuta.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

[26] Fis-sentenza fl-ismijiet **Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma vs John Mary Caruana,** (Appell Ċivili Nru: 266/2003) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) deċiża fl-20 ta' Novembru 2009 intqal hekk*: Distingwibilment, il-valutazzjoni ekwitativa mhix ta' l-istess xorta ta' dik l-ekwita kkontemplata taht il-Kapitolu 380 tal-ligijiet u li tikkonsenti lit-Tribunal ghal Talbiet Zghar li jiddeciedi l-kontroversja quddiemu principalment skond dak l-istrument valutattiv. Ara Artikolu 7 (1) tieghu. Hu, invece, gudizzju rigwardanti espressament u eskluzivament il-mizura tad-danni b'mod li l-Qorti tikkompleta u timla l-vojt tal-prova preciza fuq il-kwantum bhala bonum vir, ossija b'apprezzament ekwu. Effettivament, tali apprezzament jimplika gudizzju fejn fih jittiehed konsiderazzjoni tal-qaghda konkreta tal-kaz u dan fil-prattika jfisser illi l-Qorti, filwaqt li ma thosshiex marbuta bl-istima proposta, fl-istess waqt ma tkunx lanqas tista' tinjora l-fatt accertat ta' l-ezistenza ta' l-illegalita u talpregudizzju ekonomiku soffert, u konsegwentement tghaddi biex taghmel uzu mill-precitat kriterju idoneju biex tasal ghall-komputazzjoni gusta, ossija, skond ma jinghad fir-rikors ta' l-appell, "ghallanqas ghall-parti mill-ammont mitlub mill-Korporazzjoni attrici appellanti";*

[27] Data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba. Għalkemm ġiet eżebita ittra uffiċjali, li sejra titqies ai fini ta' spejjeż, ma hemmx prova in atti li l-istess ġiet notifikata u għalhekk qiegħda tiġi mwarrba ai fini ta komputazzjoni ta' dekorriment t'imgħax.

[28] Dan m'huwiex eżebit.